MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 311/2004

Kawza fil-lista: 20

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fis-27 ta' Ottubru, 1985, mil-liema zwieg ghandhom tlett itfal, ossija Jade ta' 17-il sena, Emma ta' 10 snin u Michael ta' 8 snin.

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghandhiex aktar possibli minhabba abbandun tal-obbligi

matrimonjali, sevizzi, eccessi, minacci w ingurji gravi da parti tal-konvenuta.

Premess illi l-attur gie debitament awtorizzat jipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' Lulju, 2004 (Dok. A).

Tghid ghalhekk il-konvenuta l-ghaliex din l-Onor Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta;

2. tordna li l-kura u kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti Jade, Emma u Michael, ahwa B tigi fdata f'idejn l-attur;

3. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-Qorti bhala manteniment ghall-minuri msemmija.

4. tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 et seq. tal-Kodici Civili (Kap. 16) tal-Ligijiet ta' Malta.

5. tillikwida u xxolji l-komunjoni lill-attur u tiddikjara li l-konvenuta m'ghandha l-ebda jedd fuq l-istess, okkorrendo bin-nomina ta' perit biex jaghmel il-likwidazzjoni u nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja tal-konvenuta fuq l-istess att.

6. tordna li l-attur ghandu jircievi l-beni kollha dotali u parafernali tieghu.

7. tordna li d-dar matrimonjali, ossija "Severn", 421, Triq Margerita Debrincat, Pembroke tibqa' okkupata esklussivament mill-attur.

8. tawtorizza lill-attur sabiex jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwali ta' din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazelt li tibqa' kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali minn martu l-konvenuta in bazi ghal dak kontemplat fl-Artikolu 40 tal-Kap.16, u dana ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess konvenuta. Qed jaghmel ukoll talbiet konsegwenzjali ghas-separazzjoni personali, rigwardanti l-kura u kustodja tat-tfal, manteniment, likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, restituzzjoni tal-beni parafernali tieghu u abitazzjoni fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni ta' martu.

Mill-provi rrizulta li l-kontendenti zzewwgu fis-27 ta' Ottubru 1985 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett it-tfal: Jade, li llum hija maggjorenni, u Emma u Michael li ghadhom taht l-eta'. Jirrizulta li sentejn u ghaxar xhur circa wara z-zwieg il-konvenuta qabbdet il-vizzju tax-xorb b' konsegwenzi disastrusi ghall-hajja matrimonjali tal-kontendenti inkluz, u b' mod partikolari, it-tfal taghhom. Nonostante li l-attur ipprova jghin lil martu b' kura professjonali, il-problema tal-konvenuta aggravat minflok immiljorat, tant li f' xi zmien hija kienet giet rikoverata fis-psychiatric unit ta' l-Isptar San Luqa. Matul dan iz-zmien kollu jidher li l-konvenuta naqset serjament mill-obbligi matrimonjali tieghu, u x-xoghol kollu anke tal-facendi tad-dar u kura tat-tfal waqa' totalment fuqu. Inoltre mill-kwadru tal-fatti li ddelinea ruhhu mill-atti tal-kawza, jirrizulta manifest li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremidjabbilment ghar-raguni imputabbli lill-konvenuta li minn naha taghha ma jirrizultax li ghamlet sforzi genwini biex tipprova tohrog minn dan il-vizzju. Dan fih in-nifsu

jikkostitwixxi sevizzi, fit-termini tal-ligi, fil-konfront ta’ l-attur li thalla jfendi ghar-rasu kompletament fit-trobbija tat-tfal taghhom bil-konvenuta sservi bhala fonti ta’ tfixkil u tensjoni minflokk ta’ ghajnuna u appogg.

Fid-dawl tal-premess il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel zewg talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Rigward it-tielet talba, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li, ghalkemm il-konvenuta taghmel xoghol bi qligh, ma ngabux provi dwar l-introitu kemm tal-attur kif ukoll tal-konvenuta; izda tenut kont tal-kondizzjoni tal-konvenuta, ix-xoghol taghha mhux prospettat ikun ta’ natura stabbli. Ghalhekk, tenut kont ukoll li din il-Qorti ser tilqa’ s-seba talba tal-attur, mhux il-kaz li tobbliga lill-konvenuta tikkontribwixxi ghall-manteniment taz-zewg minuri.  Minn naha l-ohra, stante li mill-atti jirrizulta li l-konvenuta tahdem, hija m’ ghandhiex dritt li titlob manteniment minghand l-attur, sakemm tibqa’ taghmel xoghol bi qligh.

Rigward is-seba talba, il-Qorti taqbel li l-attur ghandu jibqa’ jghix fid-dar matrimonjali ma’ uliedu, ad eskluzjoni tal-konvenuta, izda sakemm il-minuri Michael jaghlaq 18 il-sena.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta;

[2] tordna li l-kura u kustodja ta’ l-ulied minuri Emma u Michael tigi fdata lill-attur; bid-dritt ta’ access ghall-konvenuta taht supervizjoni ta’ l-attur, jekk l-attur ihoss il-htiega, darbtejn fil-gimgha saghtejn kull darba u li ghandhom jigu konkordanti bejn il-partijet;  inoltre l-konvenuta ghandha access ghal minuri kull nhar ta’ Sibt u alternattivament kull nhar ta’ Hadd, mid-9.00 am sas-1.00pm.

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tilqa' r-raba talba limitatament ghal paragrafu [a] tal-subinciz [1] tal-Artikolu 48; u rigward l-obbligu tal-manteniment da parti ta' l-attur tiddecidi li, *rebus sic stantibus* il-konvenuta mhijex intitolata ghal manteniment mill-attur, stante li din illum taghmel tahdem u taghmel xoghol bi qligh; izda jibqa' impregudikat id-dritt taghha li fil-futur titlob manteniment minghand l-attur kemm il-darba din ma tibqax tahdem.

[5] tiddikjara li l-komunjoni ta' l-akkwisti tikkonsisti fl-oggetti indikati mill-attur fin-nota guramentata tieghu a fol.26 sa 28 tal-process, inkluzi l-oggetti mobbli ezistenti fid-dar matrimonjali u li ma gewx elenkati mill-attur; u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti fis-sens li:
[a] id-dar matrimonjali, flimkien ma' l-oggetti mobbli li hemm fiha, tinbigh wara li l-minuri Michael jaghlaq 18 il-sena u r-rikavat, wara li jitnaqqas minnu l-kreditu ta' l-attur ammontanti ghal sitt elef lira maltin [Lm6,000], jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; ir-rimanenti dejn fuq din id-dar jithallas fl-intier tieghu mill-attur.

[b] s-sehem tal-konvenuta fil-kumpanija AJA Limited jigi assenjat lill-attur bl-obbligu li dan jassumi d-debiti pendenti fuq u ma' l-istess kumpanija; kif ukoll id-debitu kollu ezistenti mal-Bank of Valletta fil-kont numru 400 114 686 04.

[c] il-vettura Renault Clio tigi assenjata lill-konvenuta, filwaqt li d-dghajsa bl-isem Bakumeers tigi assenjata lill-attur bid-debiti pendenti fuq din l-istess dghajsa;

[6] rigward is-sitt talba, filwaqt li taghmel referenza ghal kontenut tal-paragrafu [a] tal-paragrafu [5] rigward il-kreditu tal-attur versu l-komunjoni ta' l-akkwist, tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar taghha stante li ma ngabux provi ohra f' dan ir-rigward;

[7] tilqa' s-seba talba u tordna li d-dar matrimonjali bl-isem "Severn" 421 Triq Margerita Debrincat, Pembroke, tibqa' okkupata mill-attur flimkien ma' uliedu, ad eskluzjoni tal-

konvenuta sakemm il-minuri Michael jaghlaq 18 sena; u lill-konvenuta terminu ta’ xaharejn biex tallontana mill-imsemmija dar;

[8] tilqa’ t-tmien talba u tawtorizza lill-attur jirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------